MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Numru 411/2002

**Pulizija**
(Spett.J.Cordina)
**vs**
**Joswil Galea**

l-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi
Joswil Galea, ta’ 23 sena, bin Joseph u Margaret nee’ Said, imwieled San Giljan fit-13 t’ Awwissu 1978 detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 512978 (M) u li prezentament huwa detenut gewwa il-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

Talli:-

Fl-20 ta’ April 2002 u f’dati precidenti f’ta l-Ibragg u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

Ghamel falsifikazzjoni fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkela billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Jew aktar li ghamel uzu min tali skritturi u cioe' numru ta' cheques tal-Bank of Valletta b'valur ta' Lm 1777.35 ghad-detriment ta' Charmaine Galea u Bank of Valletta. Dan bi ksur ta' l-artikli 18, 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal – Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess cirkustanzi iffalsifika ceduli jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jigbor depozitu jew rahan minn bank jew stabbiliment iehor pubbliku. U dan bi ksur ta' l-artiklu 18 u 167 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tali fl-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-eziztenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm 1777,35 bi hsara ta' haddiehor. U dan bi ksur ta' l-artikli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess cirkustanzi ikkommetta serq ta' diversi cekkijiet, ghad-detriment ta' Charmaine Galea, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-lok. Dan bi ksur ta' l-artikli 18, 261, 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli sar ricediv a termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie ikkundannat b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati fis-16 ta' Jannar 1998.

Talli ukoll kiser il-kundizzjonijiet ta' probation a termini ta' l-artiklu 9 tal-Kapitolu 152, imposti fuqhu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fil-11 ta' Dicembru 2001.
Talli wkoll kiser il-kundizzjonijet ta' probation a termini ta' l-artiklu 5 tal-Kapitolu 152, imposti fuqhu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-10 ta' Jannar 2002.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u ghalhekk issibu hati.

Rat l-artikli 17(h), 18, 183, 184, 167, 308, 310(1) (a) , 261, 268, 269, 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikli 10, 9 (4) tal-Kapitolu 152.

Tikkundanna lil-akkuzat tlett (3) xhur prigunerija.

(ft) Magt. Dr Joseph Cassar, BA, LL.D

Vera Kopja ta' l-original. M.Mifsud,BA Deputat Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------